MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru 277/2

**Il-Pulizija**
**Spettur Jason Agius**
**v**

**PIERRE AXIAQ**

**Seduta ta' llum, 16 ta' Dicembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PIERRE AXIAQ** ta' erbgha w ghoxrin sena bin Mario u Carmen nee Veneziani, imwieled Pieta nhar l-hdax ta' Lulju, 1977 u joqghod 'Il-Kenn Taghna', Triq iz-Zabrella, Haz Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 365677M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Dicembru, 2001 u/jew matul s-snin/xhur precedenti bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-hanut 'Super Butcher', numru 16, Triq Inez Soler, Santa Lucija, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu wkoll jekk fi

zminijiet differenti, bi ksur l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa sabiex jkollu l-uzu jew il-konsum elettriku jew li bihom setgha jwaqqaf jew jbiddel il-kejl jew markar tal-meter tad-dawl tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab installat fl-imsemmi hanut li jammonta ghal elf sitt mija tlieta w hamsin lira maltin disgha w hamsin centezmu u hames millezmi ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq hu aggravat bil-mezz, hin u ammont.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fl-istess meter tad-dawl li jinsab installat fl-imsemmi hanut liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira maltin imma hija izjed minn ghaxar liri maltin ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju u jew fil-gumni tal-elettriku jew kkaguna t-telf ta' kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser xi parti mill-istess meter tad-dawl li jinsab installat fl-imsemmi hanut, jew s-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew s-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi, f'kaz ta' htija, tapplika l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima u l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnax ta' April, 2002 esibit f'dawn l-atti a fol 5 markat bhala dokument CSH 2.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar lil imputat ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru, 2002.

Semghet x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-istharrig li ghamlet il-Pulizija rrizulta li nhar l-erbgha ta' Dicembru, 2001 ghall-habta tas-siegha w kwart ta' wara nofsinhar il-Pulizija tad-distrett, irceviet rapport minghand impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta li mar jaghmel spezzjoni fil-fond 'Super Butcher' 16, Triq Inez Soler, Santa Lucija, fuq domanda tal-imputat stess li ried jbiddel l-arlogg tad-dawl single phase tal-marka Krizik Presov ma wiehed three phase u sab li l-arlogg tad-dawl in kwistjoni kien imbaghbas.

Illi fuq dan r-rapport l-Magistrat Inkwerenti kienet zammet inkjesta w innominat sabiex jassisti lil Ufficjal Investigattiv fl-investigazzjoni tieghu lil Horace J. Anastasi bhala espert tekniku.

Minn ezami tar-relazzjoni tal-espert tekniku jirrizulta li l-meter in kwistjoni kellu toqba fil-plastic cover tieghu u fuq d-diska kien hemm marka ta' kulur hamrani u anke grif.

Illi jirrizulta li l-imputat kien ha l-avvjament ta' dan il-fond minghand terzi fit-tlettax ta' Settembru, 1995 u li fl-erbatax ta' Novembru, 2001 kien applika ghat-tibdil fis-sistema tal-elettriku mal-Korporazzjoni Enemalta minn single phase ghal three phase u kien appuntu mal-vizita ta' dawn il-membri tal-Korporazzjoni ghal dan l-ghan li gie notat dan l-allegat tbaghbis.

**Silvio Decelis li huwa rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta xehed** li skond estimi maghmula minnu mill-erbatax ta' Ottubru, 1996 sal-erbgha ta' Dicembru, 2001 il-Korporazzjoni sfat vittma ta' serq ta'konsum ta' elettriku fl-ammont ta' elf sitt mija hamsa w tletin lira maltin disgha w hamsin centezmu u hames millezmi.  Huwa esibixxa wkoll kopja tal-allegat surprise inspection li sar fil-fond mertu tal-kawza minn Joseph Zammit.

**Pero mix-xhieda ta' Joseph Zammit jirrizulta** li huwa ma marx jaghmel surprise inspection izda mar biex jbiddel is-sistema tal-elettriku vigenti fil-fond.

**Fil-fatt, Silvio Decelis fit-tieni darba li xehed** stqarr wkoll li fil-fond ma sar l-ebda surprise inspection izda l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta marru fuq rikjesta tal-istess imputat.

**Illi l-imputat ghazel li jixhed u dan fis-seduta tat-tnejn ta' Dicembru, 2002** fejn kkonferma u elabora dak li qal a tempo vergine tal-investigazzjoni fl-inkjesta sena qabel nhar l-erbgha ta' Dicembru, 2001. Huwa kkonferma li kien talab hu lil membri tal-Korporazzjoni izuru l-fond in dezamina u jbiddlu s-sistema tal-elettriku u fit-tieni lok cahad b'mod kategoriku li qatt ma baghbas dan il-meter u lanqas gieghel lil xi terz jbaghbsu ghalih u del resto lanqas qatt ma kien ra t-tbaghbis fl-arlogg.

Huwa spjiega ghaliex il-konsum tal-elettriku tieghu ma setghax kien dejjem l-istess u dan peress li kien hemm zmien minhabba l-biza li kien hemm tal-madcow li l-konsum tal-laham kien naqas hafna kwazi ghal kollox tant li anke tefgha xi freezers. Spjiega wkoll li l-fond hallih attrezzat bl-istess tghamir li sab fih meta hadu minghand Carmelo Grech fis-sena 1995.

Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** moghtija nhar ***t-tnejn ta' Settembru, 1998***, **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** moghtija nhar ***s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 1998,*** **Il-Pulizija v Paul Barbara** moghtija nhar ***s-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fejn gie spjiegat il-presunzjoni *iuris tantum* applikabbli ghal dan r-reat kif dispost fl-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 264(1) tal-Kap 9 jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u il-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku jew jbiddel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha

l-fond fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, **jaf** b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, sakemm ma jigiex ippruvat l-kuntrrju.

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il-Prosekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta'dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Illi huwa car ghalhekk li dan l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 johrog presunzjoni ta' **dolo**, iuris tantum, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni ma hiex xi wahda assoluta u li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita. Din treggi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarja li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-prova jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero, tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-difizi [ara wkoll ***Appell Kriminali 282/93*** **Il-Pulizija v Michael Attard** ***deciza nhar t-tnax ta' Frar, 1993 per Imhallef Carm Lino Agius***]

Illi f'dan il-kaz l-imputat ghazel li jaghti x-xhieda tieghu u ghalkemm kienet wahda semplici, l-Qorti thoss li hija veritiera u ghalhekk ghandha tigi emmnuta.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tiskartha jew ma taghtix kazha. L-imputat xehed a tempo vergine tal-investigazzjoni u cahad li kellu xi partecipazzjoni f'dak r-reat jew li kien jaf dwaru. Illi din ic-cahda assoluta reggha rrepetiha ghal darb'ohra taht gurament meta xehed l-Qorti kwazi sena wara.

Fit-tieni lok cirkostanzi ohra li jsahhu t-tesi tad-difiza hi l-fatti li t-tbaghbis ma giex skopert minhabba xi surprise inspection li gieli ssir mill-membri tal-Korporazzjoni

Enemalta, izda waqt spezzjoni mitluba mill-istess imputat ghal bdil tas-sistema tal-elettriku.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li l-imputat irnexxihlu jgheleb din il-presunzjoni krejata taht din d-disposizzjoni tal-ligi u ghandha taghti affidament lejn il-provi mressqa minnu.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi 264(2) tal-Kap 9 tiddikjara li ma ssibx lil imputat PIERRE AXIAQ hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi, w inoltre, stante l-liberazzjoni tal-imputat qed tichad wkoll t-talba konsegwenzjali tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**